Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 40 – 20 ta' Ġunju 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it- Tnejn 20 ta' Ġunju 2022 fl-4:00pm ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**40.1 Talba**

40.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

40.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**40.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

40.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**40.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

40.4.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li għall-festa ta' din is-sena ser ikollna grupp minn Tolfa kif ukoll grupp minn ta' Loreto. Bħala akkomodazzjoni ser naraw li d-delegazzjoni ta' Loreto ser joqgħodu fil-Grand Hotel filwaqt li dawk ta' Tolfa ser joqgħodu f'Lourdes Home.

40.4.2 Is-Sindku rrefera għal-Laqgħa li kellu mal-inġinier u idrologu magħruf Marco Cremona flimkien mal-Perit speċjalizżat fuq dan il-qasam Philip Grech sabiex flimkien jagħmlu kemm rapport tal-għarar (storm water managment) u anke jtuna statistika neċċesarja ta' ammont ta' ilma li jgħaddi mill-wied kif mitlub minn Ambjent Malta għal fini ta' fondi tal-proġett. Is-Sindku rrimarka li bqajna li se jtuna rapport preliminari u jekk ikun hemm bżonn nidħlu aktar fid-dettal. Spjega kif ser jgħinuna wkoll fejn jidħol storage u catchment ta' ilma fil-proġett ta' Playingfield Amabile Cauchi u l-water catchment tal-Pjazza tad-Dehra flimkien mal-Perit Godwin Sultana. Is-Sindku spjega li waqt il-laqgħa li kellu magħhom huma taw attenzjoni kbira l-ilqugħ li hemm fin-naħa ta' Simirat u raw li jrid jitnaddaf u jista jilqa' ħafna ilma. Sar qbil li għandna nressqu talba lil EcoGozo biex inaddfuh.

40.4.3 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa-Plenarja organizzata mill-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju. Huwa rrefera għal-laqgħa li kienet ferm interessanti u organizzata tajjeb. Spjega li kien ta' unur għalih bħala Sindku li jkun parti mill-panel tad-diskussjoni.

40.4.4 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li ser ikun hemm mal-Ministru għall-Anzjanità Jo Etienne nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju u laqgħa mas-Segretarju Paralmentari tal-Kunsilli Lokali Alison Civelli nhar is-Sibt 9 ta' Lulju 2022. Is-Sindku ħeġġeġ lil kulħadd sabiex jattendi.

40.4.5 Is-Sindku rrefera għax-xogħol li sar fil-grada tal-culvert tal-Pjazza tad-Dehra. Issa tinsab lesta għaliex kienet f'periklu kbir li taqa. Aktar il-quddiem dan il-culvert ħa jifforma parti mill-proġett tal-water catchment tal-Ambjent Malta.

40.4.6 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mal-kumpanija 'A S Solutions Ltd.' Dawn għandom prodott li jitfgħu coating irqiq ta' cement aħrax ta' ' liema kulur trid fuq bankina jew rampa sabiex tingħata dehra ġdida u ma' tiżloqx. Billi għadna mill-anqas żewġ bankini bi problema simili jkun tajjeb li nippruvaw almenu waħda bi prova. Ghandna zewg talbiet verament mehtiega u ser nibdew minnhom.

40.4.7 Is-Sindku rrefera għax- xhieda li ta l-qorti flimkien mal-eks Sindku Francis Cauchi dwar l-inċident fatali li ġara minn fuq l-springboard tax-Xatt l-Aħmar. L-avukat tal-ġenituri tal-vittma staqsa kemm il-darba fuq x'inhi ir-responsabilta tal-Kunsill fejn jidħlu bajjiet iżda għamilniha ċara li l-bajjiet dejjem ħadu ħsiebhom l-Ministeru għal Għawdex għalkemm mhux l-ewwel darba li konna aħna wkoll pro-attivi. Madanakollu l-

springboard ma saritx mill-Kunsill u qatt ma' kellu x'jaqsam magħha. Is-Sindku spjega għalhekk li f'dan ix-xenarju, sabiex inkunu safe, il-walkway ġdida li ser nagħmlu fix-Xatt l-Aħmar, ser nagħmlu risk assessment għax jekk nintroduċu xi ħaġa aħna jekk ma tkunx konformi mar-regolamenti neħlu t-tort kollu aħna.

40.4.8 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li rċivejna mingħand Marina Tenerelli dwar street art painting. Huwa propona jekk tkunx idea tajba jekk inġibuha tpitter il-Madonna ta' Loreto kif tinżel mit-taraġ qabel pjazza 10 ta' Diċembru fit-triq il-magħluqa. Il-prezz mitlub għal 3 metri bi 3 metri huwa dak ta' madwar €550 /€600. Il-Kunsill iddiskuta jekk ikunx worthed li tinżebaħ ma l-art jew inkella fuq folja tal-injam jew tila.

40.4.9 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu minn ċertu Lee Fardoe, resident minn Għajsnielem li għandu grupp 'Malta Sporting Community' u talabna li bħala Kunsill naħtru Ambaxxatur tal-isports u xtaqt li għal ewwel darba joqogħod hu.

40.4.10 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-Clean up li kellna flimkien mal-iskola fejn naddafna ġnien taż-żebbuġ ta' Triq Briegħen. Huwa rrefera għal din l-attivita' bħala waħda li rnexxiet ħafna.

## 40.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier

40.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg ssuġerixxa li jsiru xi mirja fix-Xatt l-Aħmar eżatt fil-kantunieri ħdejn l-area tad-Divers. Sar qbil li nagħmluhom.

40.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg irringrazzja lill-kunsilliera tal-attendenza tagħhom għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet tal-kampjonat tal-Snookers. Il-Kunsilli qabel li bħas-snin preċedenti għandu jagħti l-isponsor tat-trophies għall prezz ta' €300.

40.5.3 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li fil-ġimgħa tal-festa peress li ser ikollna bosta programmi u reklami fuq ir-radju Lauretana, għandna nħallsu l-ispiża tagħhom għal prezz ta' €300. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

40.5.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-Kunċert ieħor li ser jiġi organizzat fil-Knisja ta' Għajnsielem mill- JP 2 Foundation. L-ispiża mitluba lilna biex

jiġi organizzat dan il-kunċert hija wkoll dik ta' €300. Il-Kunsill qabel li għandu jtella' din is-serata kulturali.

40.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar lis-Sindku tal-inizjattiva li ħa għar-restawr tan-niċeċ li saret taħt l-iskema mnedija mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku rringrazzjah u wieġbu li wara li ġew miksuba l-permessi neċessarji, għad fadal waħda xi ssir, dik ta' San Frangisk.

40.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għat-talba sabiex isiru arrow reflectors fuq il-barriers li hemm fi Triq l-Imġarr eżatt fil-kantuniera ta' Triq ix-Xatt peress li bil-lejl qed ikunu perikolużi u ma jidunawx bihom. Sar qbil li għandna mmexxu dan is-suġġeriment formalment lil Transport Malta.

40.5.7 Il-kunsillier Stephen Merceica ssuġġerixxa li għandna norganizzaw ħarġa għal Fiera l-Kbira f'Malta. Sar qbil li għandna ninkluduha mal-lista ta' attivitajiet tal-Iljieli Sajfin.

40.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba propona sabiex norganizzaw tombla u ikel lill-anzjani fuq barra. Huwa offra li jieħu ħsieb l-organizazzjoni tagħha. Is-Sindku wkoll wieġbu li din nistgħu ninkluduha f'aktar minn darba fil-programm tal-Iljieli Sajfin.

40.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba propona sabiex fil-weekends nibdew nagħlqu l-pjazez għat-traffiku. Is-Sindku wieġbu li dawn ser jibdew jingħalqu f'Lulju waqt is-serati tal-Iljieli Sajfin u tingħalaq il-Pjazza jew triq fejn tkun ser issir l-attivita'.

40.5.10 Il-Kunsillier Teddy Saliba talba sabiex nirrapurtaw bozza bil-ħsara numru 275.

40.5.11 Il-kunsillier Teddy Saliba nnota b'sodisfazzjon li l-outdoor gym ta' Triq Ħamri qed jintuża ħafna.

40.5.12 Il-kunsillier Teddy Saliba propona sabiex ngħinu lil-Għajnsielem Nursery kemm jista jkun. It-tweġiba kienet li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tagħna rridu nżommu saqajna mal-art.

40.5.13 Il-kunsillier Teddy Saliba propona sabiex norganizzaw weekend break f'lukanda f'Malta. Ġie propost li attivitajiet bħal dawn norganizzawhom f'low season biex nakkwistaw prezzijiet u pakketti tajbin.

40.5.14 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal ħtieġa ta' tiswija ta' bankina fi Triq Hamri. Ġie ssuġġerit li din tiddaħħal fil-lista tal-Customercare.

40.5.15 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex jinqata' l-busbies fi Triq Xprunara .

40.5.16 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li għandna norganizza seminar ta' ġurnata lill-Għaqdiet kollha tal-lokal. Huwa offra wkoll li jieħu ħsieb l-organizazzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan jista jkun waħda mill-attivitajiet tal-Progett Amppa u li l-aħjar li norganizzawha jkun f'nofs Ottubru.

40.5.17 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex nordnaw il-bnadar tal-festa.

40.5.18 Il–Vici Sindku Franco Ciangura għamel referenza għall-akbar arblu tal-festa u li ser isir f'Għawdex ser ikun f'Għajnsiel b'tul ta' 150 pied u mingħajr ventijiet.

40.5.19 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa jekk in-niċċa tal-patrijiet hix ser issir din is-sena. Is-Sindku wieġbu li ser issir is-sena d-dieħla.

40.5.20 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa dwar il-permessi tal-imwejjed u siġġijiet u jekk humiex qed jiġu jħallsu l-Kunsill. Is-Segretarja nfurmat li dawn qed jinħarġu mingħajr ma jiġu jħallsu l-ħlas taghħom.

40.5.21 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab f'hiex waslu t-twaħħil ta' railing tal-anzjani. Is-Sindku wieġbu li lesti u ser ser jeħlu din l-ġimgħa.

40.5.22 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal Tolfarte u lil min ser intellgħu bħala attrazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jitla l-Baritonu Charles Buttieg u jitla' wkoll Paul Stellini biex jippreżenta l-monument ta' ħbiberija bejn iż-żewg lokalitajiet li ser jiġi inawgurat f'serata f'Tolfarte.

40.5.23 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-ikla li ser jorganizzaw l-Għaqdiet fejn ser ikun hemm ukoll il-Cash & Band. Il-Viċi propona li nġibu tazza kbira nimlewha b'non alcoholic punch għal dawk preżenti. Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon din il-proposta.

40.5.24 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-wirja tal-presepji li l-Għaqda Ħbieb tal-Presepji ser ittella' f'Bergamo f'Diċembru. Huwa mistenni wkoll li jattendi l-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri.

## 40.6 Korrispondenza

40.6.1 Waqt il-laqgħa attenda s-Sur Amabile Zammit fejn ġie jispjega proposta ta' attivita' ta' kunċert fil-Pjazza ta' Għajnsielem. Huwa spjega li l-idea nibdet minn Bethlehem f'Għajnsielem u li miegħu jixraq li jiġi organizzat kunċert ta' certu kalibru. Għalhekk ħass li għandu jipproponi kunċert ta' ċertu kalibru li jixraq lill-Pjazza ta' Għajnsielem bħalma huwa l- Kunċert tal-Vatician, Concerto di Natale. Huwa propona li għandu jkun il-Kunsill li jtellaq l-idea u wara li nressqu t-talba lill-Arċipriet, nipproċedu billi nitolbu laqgħa mal-Minisiteru għal Għawdex biex nintroduċulu l-idea u nitolbuh jehduh f'idejhom. Sar qbil li għandna mmedjatament nitolbu laqgħa mal-Ministru fejn matulha niddiskutu wkoll l-ħlas ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

40.6.2 Ġiet trattata t-talba għal railing quddiem residenza ta' anzjana fi Triq Sant'Antnin.

40.6.3 Ġiet tratta t-talba mingħand resident għall-Reserved Parking Bay fi Triq Malta. Sar qbi li dan għandu jressaq l-applikazzjoni tiegħu ma' Transport Malta.

40.6.4 Ġiet trattata it-talba sabiex tinżebaħ mill-ġdid il-Bus Stop ma l-art fi Triq il-Ħamri peress li qed jipparkjaw qrib il-bus stop u qed jingħataw iċ-ċitazzjonijiet.

40.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand tal-Fisheries sabiex jeħlu bollards ħdejn il-Miżien tal-Gvern fi Triq Martino Garces

## 40.7 Laqgħa mal-Community Policing Team

40.7.1 Waqt il-laqgħa kellna wkoll laqgħa mal-Community Police . Waqt il-laqgħa ġie spjegat li preżentament ma għandniex problemi ħlief ipparkjar ta' trailers jew parking illegali, problema ta' nuqqas ta' nfurzar u wkoll għal fatt li ma hawnx sistema ta' towing. Dan il-proċess irid jgħaddi minn Transport Malta fejn minn naħa tagħhom jinfurmaw lil sid il-vettura billi jwaħħlu avviż mal-vettura fejn jinfurmawh il-vettura li ser tinġabar, hemm multa li tintiret, u l-karozza tista tiġi

disposed of. Dan il-proċess irid dejjem jgħaddi mingħand Transport Malta.

## 40.8 Updates Proġetti u skemi

40.8.1 **Triq Ħamri** - Is-Sindku rrefera għal fatt li għal dan il-proġett ta' resurfacing ta' parti minn din it-triq, qed nistennew l-konferma mill-WSC għal-ħlas tas-servizzi tal- ilma u tad-drenaġġ. Bħala ilma approvajna ix-xogħoljiet u għandu jibda ma jdumx ir-Road Construction. Drenaġġ għadna nistennew l-approva ta' x'se jsir, L-istima tax-xogħol qed tistma li ser tintela' mal €125,000. Jekk tiġi approvata jagħmlu agreement magħna li jużaw l-istess kuntrattur u jgħaddu l-flus lilna għal dan ix-xogħol.

40.8.2 **Pjazza Tolfa** - Is-Sindku spjega kif issa l-Irrigation huwa lest u ser jintefa' il-mulch. L-installazzjoni tad-dwal bdiet teħel wkoll.

**40.8.3 Playingfield Gudja** - Is-Sindku spjega kif dwar dan il-proġett għaddejin sensiela ta' laqgħat mal-inġiniera, perit u kuntratturi konċernati. Bħalissa x--xogħol li miexi qed jikkonsisti f' bini ta' ħitan, kurduni u tħammil għal amphiteather. Is-Sindku rrefera għal fatt li x-xogħol irid jaqbad aktar rittmu mgħaġġel għax l-estenzjoni li għandna hija sa' Settembru 2022.

**40.8.4 Librerija** - Is-Sindku rrefera għall-bidu tal-proġett tal-librerija ksibna l-insurance, BCA clearance u Work method statement jinsabu lesti. Ix-xogħol se jibda fil-bidu ta' Lulju li ġej kif tispiċċa l-iskola. Hemm il-ħsieb li il-parti ta' fuq tospita fiha information area fuq il-baħar marittimu u l-kosta tagħna bħala parti mill-programm Interreg. Is-Sindku spjega kif il-Perit Godwin Sultana ha l-inkarigu tal-proġett mingħand il-Perit Saviour Micallef u qed nistennew li jipprovdilna Bill of Quantities fl-iqsar żmien possibli. Is-Sindku spjega kif is-sular ta' fuq ser niffinanzjawh għall-finishings mill-proġett Amppa biex jintuża bħala Ċentru ta' Informazzjoni dwar il-Baħar. Is-Sindku spjega kif ma setax isib bennej available u wara ħafna irnexxielu jsir lill-bennej John Spiteri li lest jibnilna l-kamra tas-sular ta' fuq.

40.8.5 **Public Convenience** - Is-Sindku rrefera li dwar dan il-proġett għaddejin sensiela ta' laqgħat mal-Perit u Galea Curmi sabiex inlestu il-BOQ għat tenders. Waqt il-laqgha ġiet diskussa l-possibilita' li t-toilet nagħmluhom b' automatic flushing system.

**40.8.5** **Proġett Triq Qigħan** - Is-Sindku rrefera għall-avvanz li sar f'dan il-proġett billi d-dokument tat-tender jinsab lest. Qed niffanilizaw sabiex jinħareġ għall-pubbliku fil-jiem li jmiss.

**40.8.6** **Xatt l-Aħmar** - Is-Sindku rrefera għall-walkway li saret fis-slipway tax-Xatt l-Aħmar bħala parti mill-iskema ta' aċċessibilta tal-Community Scheme imnedija mill-Ministeru ta' Julia Farrugia. Il-frame qed jinħadem tal-istainless steel biex ma jsaddadx u jservi longterm. L-injam se jiġi provdut mill-Ministeru għal Għawdex għaliex għalkemm mhix kbira intelghet ħafna fl-ispejjeż billi l-ħadid u l-materjal għola. Is-Sindku spjega kif se jsiru safety signs fuqha sabiex nassiguraw kemm jista jkun nevitaw xi tip ta' inċidenti jew periklu fuqha.

**40.8.7** Is-Sindku bi pjaċir ħabba li l-Kunsill ibbenefika€300,000 wkoll minn proġetti ta' Ambjent Malta dak tal-Water Catchment fil-Pjazza tad-Dehra li ser jinkludi ġiebja, pavimentar u tisbiħ, kif ukoll għal dak ta' quddiem l-iskola li għaliex ser nibbenifikaw is-somma ta' €60,000. Is-Sindku spjega kif id-Dipartiment tal-Edukazzjoni approvat dan il-proġett u preżentament qed niġru wara l-Enemalta biex jinqalgħu l-arbli eżistenti.

**40.8.8** Proġett ieħor li ħadna l-fondi għalih huwa dak tal-Pavimentar ħdejn il-każini. Għal dan ħadna s-somma ta' €85,000 mill-iskema mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Ser naraw ukoll li niffinalizzaw il-BOQ biex noħorġu t-tenders meħtieġa.

### 40.9 Attivitajiet u progetti marbuta mal-Proġett Amppa

40.9.1 Mal-Progett tal-Interreg Amppa hemm marbuta diversi studji u attivitajiet. Għal dan il-għan għandna bżonn li noħorġu dawn t-tenders jew quotations:-

- Studju dwar il-baħar
- Servizz ta' Espert li jgħinna fil-proġett
- Events and Marketing material (banners, tined, podium,
- Video ta' taħt il-Baħar tax-Xatt l-aħmar
- Boat trip
- Xandir informattiv fuq ir-Radju
- Printjar ta' flyers informattivi

## 40.10 Iljieli Sajfin

40.10.1 Ġew diskussi l-attivitajiet li ser jiġu nkluzi fl-Iljieli sajfin fosthom, bands, attivita' ta' open cinema għat-tfal, attivita'tar-roti, archery, logħob għat-tfal, tomboli għall-anzjani, ħarġiet eċċ. Sar qbil li għandna nfasslu programm u niċċirkulawh bejnietna qabel nibgħatuh għall-pubblikazzjoni biex jitqassam f'kull dar.

## 40.11 Wara l-Interview Skema CIES

40.11.1 Wara li l-Kunsill wera nteress li jissieħeb fl-iskema ta' assenjar ta' ħaddiem miegħu fuq bażi full-time taħt l-iskema Cies, il-Jobsplus bgħatet lista ta' dawk kollha li hemm jirreġisraw u jikkwalifikaw għal dan il-post. Bħala applikazzjoni l-Kunsill irċieva waħda biss, mingħand Joseph Mallia ta' ID 135665M u dan ġie ntervistat fil-31 ta'Mejju mil-Bord maħtur fil-laqgħat preċedenti. Il-Bord sab lis-Sur Mallia tajjeb għal dan il-post u r-riżultat miksub mill-interview kien dak ta' 135/150. Il-Kunsill qabel li għandu jimpjega lis-Sur Mallia b'effett mill-1 ta' Lulju 2022.

## 40.12 Għażla tal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

40.12.1 Għal din is-sejħa ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet li t-tnejn huma validi, waħda mingħand iż-żagħżugħ Albert-Lauren Agius u oħra mingħand Shaun Portelli. Peress li t-tnejn li huma għandhom sbatax-il sena, il-Kunsill qabel li għandu jagħtihom opportunita' lit-tnejn li huma billi jaqsmu t-terminu ta' sena b'sitt xhur kull wieħed filwaqt li t-tnejn li huma jkunu mistiedna jipparteċipaw fl-attivitajiet.

## 40.13 Risposta għall-Management Letter

40.13.1 Is-Segretarju Ezekuttiv preżentat il-Management Letter u draft ta' kif għandha tiġi r-risposta tagħha. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li ma kienx hemm problemi kbar u li l-problema ta' żbilanċ ser jagħmel l-almu tiegħu kollu biex jindirizzaha fl-iqsar żmien possibli.

## 40.14 Materji oħra

40.14.1 Bħala korsijiet il-Kunsill qabel li għandu jorganizza korsijiet edukattivi għal-matul is-sajf f'dawn l-oqsma:-

- First aid
- Korsijiet tal-bizzilla

- Kors tal-Malti
- Kors tal-bini ta' presepju
- Korsijiet għat-trabi Aqra Miegħi

Il-Kunsill qabel li l-korsijiet ikun b'xejn għal kulħadd u jinżammu fis-sala tal-uffiċju tal-Kunsill.

**40.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

40.15.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati għal-ħlas.

**40.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

40.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju 2022 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**